# L-Armar (*Scaffolding*) għall-Bini



Fig 1

L-ikbar riskji fis-settur tal-kostruzzjoni huma relatati ma' waqgħat ta' persuni, materjal u oġġetti mill-għoli. Ħafna minn dawn ir-riskji huma kkawżati minn nuqqas ta' prattiċi tajba ta' xogħol. Xogħol fil-għoli għandu jsir b-apparat adattat sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-periklu. Tip ta' apparat li naraw użu estensiv tiegħu huwa l-armar jew "*scaffolding*". Dan jikkonsisti fi struttura temporanja biex fuqu jkun jista' jsir xogħol li ma jintlaħaqx mill-art. Hemm diversi tipi ta' armar u l-użu tagħhom jiddependi skont il-post u l-eżiġenzi tax-xogħol. Din il-gwida titratta primarjament armar li jintrama mill-art forma ta' torri.

Il-armar huwa meqjus bħala apparat tax-xogħol u huwa rregolat minn żewġ liġijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dawn huma ir-Regolamenti dwar Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà), L.S. 424.35[1] u r-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'siti ta' Kostruzzjoni), L.S. 424.36[2].

L-armar għandu jkun ta' struttura soda li joffri protezzjoni għal min ikun qed jaħdem fuqu. Skont il-kumplessità tal-armar, għandu jsir pjan t'assemblaġġ, armar u żarmar, minn persuna kompetenti. L-armar għandu jkun mibni, alterat jew żarmat minn nies kompetenti biss, taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti u minn ħaddiema li jkunu rċevew taħriġ speċifiku. Għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa bħal infurzar, irbit, sinjali u miżuri oħra sabiex jitnaqqsu l-perikli waqt li jkun qed isir ix-xogħol. Meta l-armar ma jkunx għadu lest għall-użu, għandu jkun immarkat sew b'sinjali skont ir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, L.S. 424.16[3].

Wara li l-armar ikun lest, dan għandu jiġi spezzjonat u ċċertifikat qabel ma jibda jintuża, sussegwentement, f'intervalli perjodiċi u wara kull modifika, espożizzjoni għall-maltemp jew ċirkostanzi oħra li jolqtu s-saħħa u l-istabbilità, minn persuni kompetenti.

L-armar jista' jkun magħmul minn diversi materjali fosthom ħadid, injam kif ukoll aluminju. Ikun xi jkun il-materjal li bih jiġi magħmul l-armar, dan għandu jkun ta' saħħa biżżejjed għal dak it-tip ta' xogħol li jkun se jsir biex ikunu evitati inċidenti. Għandu jkun żgurat li l-armar issirlu manutenzjoni kif meħtieġ u jinżamm f'kundizzjoni tajba.

[1] Disponibbli hawn: https://legislation.mt/eli/sl/424.35/20160922/mlt
[2] Disponibbli hawn: https://legislation.mt/eli/sl/424.36/20180326/mlt
[3] Disponibbli hawn: https://legislation.mt/eli/sl/424.16/20100722/mlt

© Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Malta)

L-armar għandu jkun marbut, ankrat sew u ma jitbandalx. Jekk l-irbit ikollu jitneħħa minħabba xi alterazzjoni waqt il-proċess tax-xogħol, dan għandu jsir biċċa biċċa u mhux kollu f'daqqa. L-armar m'għandu qatt jintrama meta jkun ħafna riħ.

Min iħaddem għandu jagħmel evalwazzjoni tar-riskju tal-attivitajiet kollha tax-xogħol u jieħu l-miżuri meħtieġa biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati u persuni oħra li jistgħu jkunu affettwati mix-xogħol li qed isir. Din hija lista mhux eżawrjenti ta' punti li għandhom jiġu kkunsidrati:

- Ix-xogħol isir minn ħaddiema imħarrġin sew fl-assemblaġġ, alterazzjoni u żarmar ta' armar
- Ix-xogħol isir taħt superviżjoni ta' persuna kompetenti
- Il-partijiet tal-armar jiġu spezzjonati qabel l-assemblaġġ u partijiet difettużi jiġu mwarrba
- Is-saqajn tal-armar ikunu fuq bażi soda
- Isir ilqugħ u sinjali għall-passaġġ ta' terzi persuni u traffiku
- Il-ħaddiema jilbsu *safety harness* u *fall arrester* marbut ma' ankraġġ sikur u tagħmir protettiv personali ieħor kif meħtieġ
- L-armar jinbena minn isfel għal fuq u jiżżarma bil-kontra
- L-armar jibda jinbena mill-parti interna għal dik esterna u jiżżarma bil-kontra
- L-armar ikun marbut ma' struttura solida hu u jinbena u dan l-irbit jitneħħa hu u jiżżarma gradwalment
- Jiġu nstallati slielem għal aċċess sikur f'kull livell tal-armar
- M'għandhomx jintefgħu biċċiet tal-armar għal isfel waqt li jkun qed jiżżarma.

## *Gangways:*

Kull *gangway*, il-passaġġ minn fejn timxi, għandu jkun wiesa biżżejjed li l-ħaddiem jgħaddi komdu minn fuqu waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol. Dan m'għandux ikun angolat aktar minn 20° mill-art u jkun jgħatti l-fetħa kollha.

## *Guard-Rails* u *Toe boards:*




Fig 2

*Guard rails* u *toe boards* għandhom jitwaħħlu fuq armar sabiex jipprevjenu li persuna, għodda jew materjal ieħor jaqgħu minn fuqu. Il-*guard rails* għandhom ikunu sodi, fejn l-ogħla waħda għandha tkun ta' madwar 1000mm minn mal-art u l-oħra tkun fin-nofs bejn it-*toe board* u l-*guard rail* ta' fuq. Fig. 2 turi dimensjonijiet tipiċi. Jekk wieħed ikollu jneħħi l-*guard rails* u *toe boards* biex ikun jista' jgħaddi xi materjal, dawn għandhom jerġgħu jitpoġġew f'posthom mill-iktar fis possibbli. Tgħabbix piżijiet tqal ħafna fuq l-armar jekk dan ma jkunx jiflaħ. Kun żgur li l-fallakki tal-armar ma jkunux miżbugħin biex b'hekk id-difetti jkunu viżibbli.

## Xi kawżi ta' inċidenti minn armar jinkludu:

- L-armar ma jkunx armat kif suppost u mhux minn persuna kompetenti.
- Nuqqas ta' manutenzjoni.
- Ir-rata bejn l-għoli u l-wisa' tal-armar tkun kbira ħafna. eż: għoli ħafna imma dejjaq.
- Tagħbija ta' ħafna piż fuq nett, b'mod li l-armar, ma jkunx jiflaħ għaliha.
- Sellum jitqiegħed fuq nett, fuq il-pjattaforma, biex wieħed jilħaq iktar.
- Isir xi xogħol ta' vibrazzjoni qawwija fuq l-armar.
- Armar mobbli jiġi mċaqlaq bin-nies fuqu.
- Armar ma jkunx armat fuq bażi tajba.
- Armar mhux marbut sew.
- Meta wieħed jitla', flok jitla' minn ġewwa jitla' min-naħa ta' barra

## Limitazzjonijiet fl-Għoli tal-Armar

Ara li l-armar ikun stabbli u li r-rata tal-għoli mal-bażi tkun skont id-disinn tal-persuna kompetenti jew l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Għanda tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-lokazzjoni tal-armar u l-espożizzjoni għall-maltemp. Meta piż jitpoġġa fuq l-armar, dan jgħolli ċ-ċentru tal-gravità u b'hekk jista' jwassal biex l-armar jegħleb. F'dan il-każ, għalhekk huwa rakkomandat li wieħed jingħata parir minn persuna kompetenti.

© Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Malta)

## L-Istruttura tal-Armar

It-torri għandu jkun vertikali u l-bażi tkun fuq art soda u dritta. Għandu jkun aċċertat li l-art tkun tiflaħ il-piż tal-armar u kull tagħbijiet oħra. L-istruttura tvarja skont it-tip ta' xogħol bil-qisien bejn kull sezzjoni ikunu ta' dimensjoni adegwata li jiggarantixxu l-istabbilità tal-armar. Is-saqajn tal-armar mobbli għandhom ikunu fuq roti solidi, kif ukoll magħhom ikollhom il-*locks* u l-*brakes* li m'għandhomx jinħallu b'mod aċċidentali. Jekk l-armar ikun mibni fuq bankina, għandu jkun assigurat li persuni mixjin minn taħtu ikollhom spazju suffiċjenti u jkunu protetti sew bi lqugħ adegwat.

M'għandux jintrama *netting*, tabelli jew materjal ieħor mal-armar jekk dan ma jkunx iddisinjat għal hekk. Dan jista' jkun il-kaġun tal-waqa' tal-istruttura fil-każ ta' riħ qawwi.

## Kunsiderazzjonijiet dwar L-Użu ta' Armar

- Qatt tmexxi xi armar bin-nies jew b'xi materjal fuqu.
- Dejjem mexxi l-armar billi timbotta jew tiġbed min-naħa tal-bażi.
- Qatt tuża xi mezz ta' trasport biex tmexxi armar, bħal xi *forklifter* jew trakk.
- Uża l-'*locks*' tar-roti meta qed tuża armar li ma jkunx statiku.
- Qatt titla' fuq armar jekk ir-roti ma jkunux '*locked*' u livell mal-art.
- Tgħabbix materjal żejjed fuq il-pjattaforma tal-armar.
- Żomm l-armar 'il bogħod mill-linji tad-dawl.
- Evita li taħdem fuq armar jekk ikun ħafna riħ jew maltemp.

Fig 3



## Aċċess għal Kull Tip ta' Armar

L-aċċess għandu jsir mill-art, inkella minn fuq il-bejt, jew livelli oħra skont l-għoli tal-armar u x-xogħol fejn hu. Jekk ikun ser isir mill-art, preferibbilment għandu jsir permezz ta' slielem, però jekk ikun se jsir minn fuq il-bejt jew livelli oħra, wieħed għandu jkun żgur li jkun hemm il-*guard rails*.

## Siti ta' Kostruzzjoni

Meta dan it-tip t'apparat jintuża f'siti ta' kostruzzjoni, il-provvedimenti speċifiċi tar-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), L.S. 424.36 (A.L. 88/2018)[4] japplikaw ukoll. Is-*supervisor* tal-proġett[5] għandu jiżgura li l-pjan ta' saħħa u sigurtà jkun fih il-pjan biex isir dan ix-xogħol u li dan jiġi kkomunikat u mifhum mill-kuntratturi kollha kkonċernati. Il-kuntratturi għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-*supervisor* tal-proġett.

Il-Klijent[6] għandu jieħu inkonsiderazzjoni kwalunkwe rapport mogħti bil-miktub mis-*supervisor* tal-proġett u għandu wkoll jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li dawk kollha nvoluti jimxu mal-obbligi tagħhom fil-limiti tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

*Jekk ma tistax tlaħħaq mill-art jew minn mal-bini biex tagħmel xi biċċa xogħol, aħjar taħdem minn fuq armar milli minn fuq xi sellum (fejn ikollok tixxabbat) jew minn fuq pont. Uża dejjem it-tip ta' armar għal dak li huwa ddisinjat biss, u kun żgur li jkun marbut sew u fiss mal-bini.*

OHSA, Marzu 2023

*L-informazzjoni pprovduta f'dawn il-linji gwida ma tikkostitwixxix, u mhix maħsuba biex, tikkostitwixxi parir legali; l-informazzjoni hija għal skopijiet ġenerali biss u biex isservi bħala gwida għal dawk li għandhom dmirijiet biex jiżguraw sistema ta' xogħol sigura u post tax-xogħol sikur. L-informazzjoni pprovduta f'dawn il-linji gwida tista' tissemma wkoll bħala eżempji ta' prattika tajba mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol waqt spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol u fil-Qrati. Barra minn hekk, sar kull sforz biex jiġi żgurat li l-informazzjoni f'dan id-dokument tkun korretta u pprovduta in bona fede skont ir-regolamenti u l-aħjar prattika attwali – huwa wkoll rakkomandat li wieħed għandu jikkunsidra r-regolamenti rilevanti kollha relatati ma' dan is-suġġett.*

[4] Disponibbli hawn: https://legislation.mt/eli/sl/424.36/mlt/pdf

[5] Is-*supervisor* tal-proġett huwa l-persuna naturali jew legali responsabbli għas-superviżjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta'proġett, imqabbad minn klijent skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni). L.S. 424.36 *(ibid.)*.

[6] Il-klijent huwa l-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq proġett , i.e. is-sid tas-sit. *(ibid)*.

© Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Malta)

***Referenzi***

https://www.hse.gov.uk/construction/safetytopics/scaffoldinginfo.htm#inspection

https://ohsguide.ihsa.ca/en/topic/scaffolds_erection.html#:~:text=Every%20scaffold%20must%20be%20erected,out%20in%20the%20design%20drawings.&text=The%20erection%20of%20a%20supported,supervision%20of%20a%20competent%20worker%20.

https://assets.ctfassets.net/ii3xdrqc6nfw/1CZxf5iNnmomM2iemMuiYQ/2eabe63d0f51881c7848d9ea8c9f4c49/Scaffolding_and_hoarding_-_Terms_and_conditions.pdf

https://easyhomebuilds.com/scaffolding-erection-dismantle/#Scaffolding_safety_in_Dismantle

***Sorsi***

Fig 1. https://www.optimumsafetymanagement.com/wp-content/uploads/2018/06/scaffold-safety-construction-focus-1080x675.jpg

Fig 2. https://www.indiamart.com/proddetail/toe-board-5371343762.html

Fig 3. https://www.sgb-aluma.my/products/scaffolding/modular_scaffold/cuplok_scaffold

Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Indirizz: 17, Triq Edgar Ferro, Pietà PTA 1533, Malta
Telefon: 21247677
Emejl: ohsa@ohsa.mt
Sit elettroniku: www.ohsa.mt
*Facebook*: @ohsamalta

F'każ ta' emerġenza wara l-ħin tax-xogħol ċempel: 99496786

© Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Malta)